sal-Furjana, mill-Furjana sa Portes des Bombes, u aktar tard mir-Rabat sa l-Imtarfa.

Bla kburija ta' xejn kienet tilqa' bil-qalb kollha t-tislima ta' l-impjegati tagħha li kienu jagħtuha bit-tixjir tal-bandieri ma' tul triqtha.

Poplu bla qies laqagħha bil-ferħa u fost l-ewlenin nies li ma ħallewhiex sejra waħedha fi triqtha kien il-Gvernatur, Gen-eral Sir Arthur Borton, li rikeb magħha flimkien mal-kbarat ta' madwaru, qasam f'25 minuta l-bogħod li ċeqlem ċeqlem qa-bel kulħadd kien idum xi sagħtejn u nofs jew tliet sigħat.

Xejn bħal dawn tas-seklu modern ma kienet toqgħod tieqaf kull ftit passi; ma kinetx taf bi *stages*, imma tieqaf biss il-Ħamrun, Birkirkara, Ħ'Attard u r-Rabat, fejn tagħha kien hemm l-istazzjonijiet, b'dak ta' Birkirkara l-isbaħ fosthom.

Għal xi bżonn ġie li wkoll waqfet l-Imsida, Santa Venera, Ħal Balzan u s-Salvatur, jiġifieri ħdejn "Ta' Frankuni", għal-kemm fejn setgħet dejjem ħelset bħalma kienet għamlet il-Furjana.

Għall-ewwel in-nies, imxebbgħa mit-tbatija ta' qabel, ma qagħdux iqisu f'liema vagun tagħha se jirkbu u li f'xi wħud minnhom iħallsu aktar, basta kulħadd jirkeb tant li d-dħul tal-flus beda jlaħħaq minn £50 sa £60 kuljum.

Imma kif dejjem ġara minn qlub ingrati, l-imħabba lejha u l-ħbiberija magħha naqset hekk bis-sħiħ li d-dħul waqa' f'in-qas minn £13 kuljum f'waqt li l-infiq f'tiswijiet ta' ħsarat li bdew jirġrulha kibru mhux ftit bla setgħu jitħallsu.

Ħtija ta' hekk nhar l-1 ta' April 1890, il-Kumpanija li kienet għamlet £4,000 dejn ma' l-Ammiraljat, waqqfet is-ser-vizz tagħha sakemm imbagħad b'kawża mirbuħa mill-Gvern ħadha f'idejh hu.

F'idejn il-Gvern id-dħul ta' flus żdied billi bi flus ivvutati sarulha l-ħtiġiet kollha u spiċċa s-sogru li, agħar miż-żiemel ta' qabel, tħallihom f'nofs ta' triq ukoll, kif ġie li ġara, fil-waħx ta' taħt il-mini.

Iżjed mid-dħul kibru l-ispejjeż li għalhekk imbagħad il-Gvern sab ruħu biha fl-istess qagħda li kienet il-Kumpanija. Biex tagħqad f'April ta' l-1905, ġie Malta warajha żewġha t-Tram li għalkemm kien dejjem jakkompanjaha mill-Belt sa Birkirkara, hu ma kienx ħlief b'regħba jfittixha biex jeħdilha flusha.



Għalkemm dejjem maħqura minnu, huma għexu flimkien mal-25 sena meta nhar il-15 ta' Diċembru 1929 hu nnifsu miet fil-għaks.

Ma dametx ħajja warajh aktar minn ħmistax-il xahar u nofs biss, billi ċkejkna fl-età ta' 48 sena hija ntemmet minn fostna nhar il-31 ta' Marzu, 1931, moħha kwiet li fi żmienha swiet biżżejjed lill-umanità, kemm bil-ħelsien mit-tbatija tal-vjaġġi u kif ukoll bit-tkabbir u twaqqif ta' bliet ċentrali f'artna kif, ma għandniex xi ngħidu, huma tassew Birkirkara u l-Ħamrun.

Aktar minn hekk darba waħda fost l-oħrajn, fl-1923, hija tħajret saħansitra titma' lill-poplu Malti ftit laħam frisk bl-irħis, bla bżonn ta' xi sussidji kif isir il-lum. Għalhekk nhar it-22 ta' Lulju, meta l-laħam minħabba s-sħana tas-sajf ma jżommx żmien twil bla jinten, baqgħet dieħla fuq merħla bar-rin li maqtulin qabda minnhom, l-għada nbiegħu bi ftit flus b'xorti tajba għal min soltu ma kienx jista' jonfoq biex iduq nitfa laħam.

Mietet mewta erojka toffri ħajjitha għal min lill-poplu Malti seta' jiswielu ta' ġid dejjem akbar — is-Sinjuri Char-a-bancs — li bdew jaħdmu għal Birkirkara u għar-Rabat, u bħalhom għad-distretti kollha ta' Malta.

Lilha mela li ħadmet għalina f'ħajjitha u li b'wirt tagħha wara mewtha ħallitilna bħala ġonna l-istazzjonijiet sbieħ li kel-lha f'Birkirkara u ġo Ħ'Attard; bħala skola teknika l-istazzjon tal-Ħamrun u, aqwa minn kollox, bħala l-akbar kenn mill-bombi tal-għadu fi żmien il-gwerra, il-mina tal-Belt, kien xieraq li b'din in-nota kommemorativa hawn nagħmlu sewwa sew kif qegħdin jagħmlu l-Awtoritajiet b'ismijiet ta' toroq ġodda f'din is-sena: niċċelebraw l-għoxrin anniversarju tal-mewt tagħha kollha ġieħ.

## TISWIJA

F'*Il-Malti* ta' Marzu, 1951, paġ. 24 taħt "NOTI GRAMMATIKA-LI" it-tieni mistoqsija li tibda b'dawn il-kelmiet: (b) Ir-regula tas-suffiss pronominali *h* li jinkiteb fil-kelma, eċċ", għandha tinqara hekk:—

(b) Fl-eżempju *kitibhuli* (Ara *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*, Ediz. 4, paġ. 557) kont naħseb li t-tieni *i* hija ewfonika; fil-kelma *nisraqhulu* l-*a* nisirqulu nifhem li t-tieni *i* hi ewfonika, iżda fil-kelma *nisraqhulu* l-*a* hi ewfonika wkoll?

a. c.